**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 12 ta' Settembru 2024**

**Kawża Numru: 79/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Justine Grech)**
**kontra**
**Sandro Dimech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Sandro Dimech** ta' tnejn u erbgħin (42) sena, iben Mario u Maria Carmela nee' Fenech, imwieled il-Pieta', nhar il-ħmistax (15) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u tmienja u sebgħin (1978), residenti fl-indirizz, Skema numru tlieta (3), Blokk numru wieħed (1), Flat numru tnejn (2), Telgħet Raħal Ġdid, Paola u detentur tal-karta tal-identita' numru 108978(M) li jinsab akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fit-tnax (12) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020):-

1. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga Kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-Raba' (4) u s-Sitt (6) Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-elf disa' mija u disgħa u tletin (1939) dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N.

292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

2. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żagħżagh bi ksur tal-Artikolu 22 (2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġjiet ta' Malta.

Kif ukoll talli nhar it-tnax (12) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020) u fis-snin ta' qabel din id-data:-

3. Kellu fil-pusess tiegħu d-droga Kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-Raba' (4) u s-Sitt (6) Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-elf disa' mija u disgħa u tletin (1939) dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-Digriet ta' Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri ta' nhar id-disgħa (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), li permezz tiegħu din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif preseduta[1];

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali datat tmienja u għoxrin (28) ta' Lulju tas-sena elfejn u għoxrin (2020) maħruġ ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, li permezz tiegħu l-Avukat Ġenerali ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-

[1] A fol. 111 tal-atti proċesswali

Qorti sabiex iwieġeb għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu għal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza[2];

Semgħet fis-seduta ta' nhar is-sittax (16) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), lill-partijiet jiddikjaraw li kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' lix-xhieda li kienu diġa xehdu u l-provi li kienu miġjuba f'dawn il-proċeduri qabel ma din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta[3];

Rat illi l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu;

Semgħet lill-prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti;

Semgħet is-sottomissjonijiet finali tal-abbli avukat difensur;

**Ikkunsidrat**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-<u>Prosekuzzjoni</u> ressqet is-segwenti xhieda :-

L-**Ispettur Justine Grech**[4] xehdet illi nhar it-tnax (12) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020) kien ġie esegwit Mandat ta' Arrest u Tfittxija fil-post magħruf bħala *Paola Wolves* li jinsab ġewwa Raħal Ġdid. Tispjega li l-Pulizija kellha informazzjoni kunfidenzjali li allegatament hemmhekk kien qed isir bejgħ ta' droga. Fil-fatt kienu marru l-Pulizija fuq il-post fejn minn tfittxija li kienet saret, wara l-*bar* kienu nstabu xi boroż b'sustanza suspettata kokaina. Il-persuna li kien wara l-*bar* irriżulta li kien ċertu Sandro Dimech li l-Ispettur Grech għarfet bħala l-imputat fl-awla. Hija tgħid li kien l-imputat li indika lill-Pulizija fejn kienet qegħda tinżamm id-droga.

L-Ispettur Grech tgħid li l-imputat ġie interrogat l-għada u cioe' fit-tlettax (13) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020) u dan wara li kienet spjegatlu d-drittijiet legali tiegħu. Tgħid li l-imputat għażel li ma jkellimx avukat u preżentat id-dikjarazzjoni tar-rifjut ta' assistenza legali li ġiet mmarkata bħala 'Dok JG1'[5]. Huwa rrilaxxja stqarrija li ġiet eżebita u mmarkata bħala 'Dok JG2'[6]. Spjegat li

---

[2] A fol. 5 tal-atti proċesswali
[3] A fol. 117 tal-atti proċesswali
[4] A fol. 11 tal-atti proċesswali
[5] A fol. 14 tal-atti proċesswali
[6] A fol. 15 tal-atti proċesswali

fir-rigward ta’ dan il-każ, kienet infethet Inkjesta Maġisterjali fejn ġew nominati diversi esperti.

In kontro-eżami[7] tgħid li għar-*raid* li kien sar hi ma kinitx preżenti, għalkemm kienet qegħda ssegwi kontinwament dak li kien għaddej. Ikkonfermat li l-imputat ikkopera mal-Pulizija. Spjegat li sabiex ħarġet l-akkuża ta’ pussess aggravat tad-droga, hija ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi tal-każ, kif ukoll ħarset lejn il-ġurisprudenza in materja.

**PS 1174 Adrian Sciberras**[8] xehed illi nhar it-tnax (12) ta’ Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020) kien ġie mogħti Mandat ta’ Arrest u Tfittxija fil-konfront ta’ Sandro Dimech u *Poala Wolves Bar*. Jispjega li marru fuq il-post għal ħabta tad-disgħa ta’ filgħaxija (9 p.m) u huwa flimkien mal-kollega tiegħu PC 1564 avviċinaw mal-ewwel lill-imputat Sandro Dimech u nfurmawh li kellhom Mandat ta’ Arrest fil-konfront tiegħu. Igħid li minn tfittxija li saret fuqu ġew elevati *mobile phone* u ċwievet. Jispjega li huma nfurmawh li kienu ser jipproċedu bit-tfittxija ġewwa l-*bar* u staqsewh jekk kellux xi ħaġa illegali u minn jeddu kien infurmahom li kellu kaxxa b’xi pakketti ta’ droga għall-użu personali tiegħu. Igħid li l-imputat kien urihom fejn kienet din il-kaxxa u elevawha. Huwa jispjega li din kienet kaxxa żgħira ta’ kulur iswed u fiha kien hemm erba’ (4) qratas u xi pilloli u mediċinali. PS 1174 igħid li huwa komplew bit-tfittxija wara l-*bar* u ma sabu xejn iktar li kien illegali. Igħid li huwa u l-kollega tiegħu PC 1564, marru flimkien mal-imputat, fir-residenza tiegħu li kienet viċin l-istess *bar* pero ma sabu xejn illegali hemmhekk.

In kontro-eżami, PS 1174 igħid li r-residenza tal-imputat kienet bogħod xi ħamsin metru. Igħid li meta marru jagħmlu t-tfittxija ġewwa l-*Paola Wolves* kienu xi sitt Pulizija u jgħid li kien hemm attivita’ għaddejja u kien hemm in-nies. Igħid li huma marru direttament fuq l-imputat għax kellhom Mandat. Huwa jispjega li meta huma identifikaw ruħhom u staqsew lill-imputat jekk kellux xi ħaġa illegali, huwa stess kien tahom il-kaxxa bis-sustanzi. Igħid li fil-kaxxa kien hemm xi pilloli li dehru mediċina, kif ukoll xi pakketti. Jispjega li wara komplew bit-tfittxija fil-*bar*, fir-residenza tiegħu, kif ukoll fil-karozza tiegħu iżda t-tfittxija rriżultat fin-negattiv għal preżenza ta’ droga. Igħid li fid-dar tal-imputat instabu ftit flus u ma elevawhomx. Għal darb’oħra jikkonferma li bejn il-*bar* u r residenza tal-imputat ma hemmx bogħod *“għax kemm taqsam jiġifieri, kif qed ngħidlek*

[7] A fol. 134 tal-atti proċesswali
[8] A fol. 17 et seq tal-atti proċesswali

*m'hijiex triq għax qisha pjazzeta magħluqa. Jiġifieri just kemm taqsam faċċata imma le m'hemmx bogħod jiġifieri."*[9]

**Keith Cutajar**[10] xehed li huwa kien ġie nominat fl-atti tal-inkjesta nhar it-tnax (12) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020) fejn kien ġie mogħti *mobile phone* sabiex ssir analiżi fuqu u jinħareġ il-kontenut tiegħu. Spjega li dan kien *mobile phone* tal-għamla Samsung ta' lewn iswed u li fih kien hemm SIM card tas-soċjeta' Melita. Igħid li l-kontenut tal-*mobile phone* u tas-SIM card inħarġu b'suċċess. Huwa ppreżenta l-*mobile phone* flimkien mar-rapport tiegħu li ġie mmarkat bħala 'Dok KC 1'[11].

**PC 1564 Kyle Zammit**[12] xehed illi fit-tnax (12) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), il-Pulizija kienet esegwiet Mandat ta' Arrest u Tfittxija fil-konfront tal-imputat u fil-bar *Paola Wolves* ġewwa Raħal Ġdid. Igħid li għal ħabta tad-disgħa ta' filgħaxija (9.00p.m), l-imputat gie imwaqqaf f'dan il-*bar* u meta ġie mistoqsi jekk kellux xi ħaġa illegali, huwa kien ħadhom wara l-bank fejn kien hemm kontenitur tal-plastik li fih kien hemm erba' (4) pakketti b'sustanza bajda suspettata droga Kokaina, li l-imputat stqarr li kienu għall-użu personali tiegħu. Igħid li l-imputat kien ġie mgħarraf bid-drittijiet tiegħu u saret tfittxija ukoll ġewwa r-residenza tiegħu li kienet viċin il-*bar* iżda ma nstab xejn li kien illegali ġo fiha.

In kontro-eżami[13], PC 1564 ikkonferma li r-residenza tal-imputat tinsab ferm viċin il-*bar*. Jispjega li hemm qisu parkeġġ żgħir u igħid li kemm taqsam minn ħdejn il-bar u tiġi ħdejn ir-residenza tal-imputat. Jikkonferma li kien l-imputat li mal-ewwel għaddielhom kaxxa li kellu wara l-bank, li fiha kien hemm erba' *sachets* b' sustanza bajda u xi pilloli li l-imputat kien qalilhom li kienu pilloli tal-irqad. Mistoqsi jekk l-imputat saqx hu lejn id-*Depot* bil-vettura tiegħu stess igħid li ma jiftakarx iżda igħid li l-imputat kien ikkopera mal-Pulizija. Ikkonferma li kienet tkompliet it-tfittxija kemm fir-residenza tal-imputat, kif ukoll fil-vettura tiegħu, li kienet tat riżultat negattiv għal presenza ta' sustanzi illegali.

---

[9] A fol. 124 tal-atti proċesswali
[10] A fol. 20 et seq tal-atti proċesswali
[11] A fol. 22 tal-atti proċesswali
[12] Għalkemm dan ix-xhud jinsab indikat bħala PC 1564 Kylie Zammit fit-traskrizzjoni nserita a fol. 36 tal-atti proċesswali, mill-atti proċesswali, senjatament mill-kontro-eżami tal-istess xhud a fol. 128 tal-atti proċesswali jirriżulta li fil-fatt ix-xhud kien PC 1564 Kyle Zammit.
[13] A fol. 128 tal-atti proċesswali

Ġie preżentat il-***proces verbal***[14] redatt mill-Magistrat Dr. Charmaine Galea datat tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), minn fejn jirriżulta li l-Maġistrat Inkwerenti innominat lix-Xjenzat Gilbert Mercieca bħala espert forensiku sabiex jeżamina u jirrelata dwar is-sustanza elevata, lil Keith Cutajar bħala espert tekniku sabiex janalizza l-*mobiles* li ġew elevati mill-Pulizija u joħroġ l-informazzjoni minnhom u lil PS 637 Kevin Manicolo u PC 169 Jurgen Schembri bħala Uffiċjali tax-Xena tar-Reat.

L-**Ispettur Marshall Mallia**[15] jixhed illi fit-tnax (12) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020) għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħaxija (9 p.m), huwa flimkien ma Uffiċjali oħra tal-Pulizija, kienu marru jagħmlu tfittxija ġewwa *Paola Wolves Bar*, fuq struzzjonijiet ta' l-Ispettur Justine Grech. Igħid li saret tfittxija fuq il-persuna ta' sid il-ħanut Sandro Dimech li għaraf bħala l-imputat fl-awla, iżda ma kien instab xejn irregolari. Igħid li l-imputat minn jeddu kien tahom kaxxa sewda minn wara l-*bar* li fiha kien hemm erba' (4) *sachets* bi trab abjad suspettat Kokaina. Huwa jispjega li l-ħanut kien ingħalaq fil-preżenza tal-imputat stess u l-imputat kien ttieħed minn Uffiċjali tal-Pulizija oħra, sabiex issir tfittxija fil-vettura u fir-residenza tiegħu u wara ttieħed il-*lock up* tal-Pulizija.

**Gilbert Mercieca**[16] xehed illi nhar it-tnax (12) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), huwa kien ġie nominat fl-atti tal-inkjesta sabiex jeżamina *evidence bag* li kien fih kaxxa sewda li fiha kien hemm erba' *sachets* bi trab abjad, kif ukoll *blister pack* b'erba' pilloli u *blister* li kien fiha xi trab li kienet għadha magħluqa. Huwa jispjega li għamel analiżi fuq dawn is-sustanzi. Huwa preżenta r-rapport tiegħu li ġie mmarkat bħala 'Dok GM1[17]. Minn eżami ta dan ir-rapport jirriżulta li t-trab ta' lewn abjad ġie identifikat bħala kokaina, b'piż totali ta' wieħed punt sitta u sebgħin gramma (1.76g), imqassma f'erba' (4) boroż. Il-persentaġġ medju ta' Kokaina fil-materjal kien ta' tnejn u erbgħin fil-mija (42%) b'valur fis-suq estimat ta' mija u tmenin ewro u sittin ċenteżmu (€180.60) u dan wara li ttieħdet in konsiderazzoni il-purita tas-sustanza. Il-pilloli ta' lewn roża ġew klassifikati bħala pilloli li fihom il-Bromazepam. Din hija mediċina psikotropika li għandha struttura kimika ta' Dihydro-1:4 Benzodiazepine, skedata f'Taqsima B tat-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-kampjun ta' trab abjad meħud mis-*sachet Dioralyte* ta riżultat negattiv għal preżenza ta' mediċini perikolużi taħt l-

[14] A fol. 41 tal-atti proċesswali
[15] A fol. 49 tal-atti proċesswali
[16] A fol. 53 tal-atti proċesswali
[17] A fol. 55 tal-atti proċesswali

Ewwel Skeda tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u mediċini psikotropiċi taħt it-Tielet Skeda ta' Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Dr. Michael Camilleri**[18] xehed in rappreżentanza tal-*Malta Tourism Authority* u stqarr li ma kien hemm l-ebda liċenzja maħruġa f'isem Sandro Dimech jew *Paola Wolves Bar*.

L-I**spettur Kevin Manicolo**[19] xehed illi fit-tnax (12) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020) huwa kien ġie nominat fl-atti tal-inkjesta u jgħid li dak iż-żmien kien Surġent bin-numru 637. Huwa jispjega li kien ġie mitlub sabiex jaċċedi fl-Uffiċju tal-Ispettur Justine Grech sabiex jiffotografa xi oġġetti. Kien irrikorra fuq il-post dakinhar stess għal habta tal-ħdax neqsin għoxrin ta' filgħaxija (10:40p.m.). Igħid li fuq il-post kien hemm Sandro Dimech li x-xhud għarfu bħala l-imputat fl-awla, flimkien ma l-Ispettur Marshal Mallia. Huwa igħid li kien ġie muri xi qratas b'sustanza ta' lewn abjad, flimkien ma xi oġġetti oħra. Huwa preżenta r-ritratti kollha li kien ġibed, flimkien mar-relazzjoni tiegħu li ġiet immarkata bħala 'Dok KM1'.[20]

**PS 169 Jurgen Schembri**[21] xehed illi fit-tnax (12) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), huwa kien ġie nominat fl-atti tal-inkjesta mill-Maġistrat Dr. Charmaine Galea. Igħid li fit-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) kien ġie konsenjat lilu esebit li huwa mmarkat bħala K/B/170/2021 li skond ir-rapport tiegħu kien jikkonsisti f'erba' (4) kantunieri tal-boroż tal-plastik trasparenti, *blister packet* b'erba' pilloli ta' lewn roża, *sachet Dioralyte* li kien fih trab ta' lewn bajdani, żewġ ċwievet, żewġ batteriji u munita. Huwa għamel eżamijiet kimiċi u viżwali għall-impronti fuq l-oġġetti kollha li kienu jinsabu fl-istess eżebit u l-impronti misjuba ġew preżervati u ddokumentati. Huwa jispjega li ġew żviluppati tlett (3) impronti, li ġew fotografati minnu u *saved* fuq CD. Ix-xhud preżenta din is-CD flimkien mar-rapport tiegħu li ġie mmarkat bħala 'Dok JS1'[22].

**Louis Buhagiar** xehed in rappreżentanza tal-*Jobs Plus*. Huwa eżebixxa l-*employment history* tal-imputat li ġiet immarkata bħala 'Dok LB1'[23]. Minn eżami

[18] A fol. 64 tal-atti proċesswali
[19] A fol. 69 tal-atti proċesswali
[20] A fol. 71 et seq tal-atti proċesswali
[21] A fol. 83 tal-atti proċesswali
[22] A fol.85 tal-atti proċesswali
[23] A fol. 88 tal-atti proċesswali

ta' l-istess jirriżulta li sa mill-għoxrin (20) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) l-imputat huwa reġistrat bħala *barman* fuq bażi *part time.*

**PC 1357 Brenton Gilford**[24] stazzjonat l-Għassa tal-Pulizija ta' Raħal Ġdid, xehed li l-unika ħaġa li tirriżultalu dwar l-imputat hija li l-imputat huwa s-segretarju ta' *Paola Wolves*. Igħid li mal-Pulizija ma jsiru l-ebda ħlasijiet relatati mal-liċenzji ta' *bars*. Igħid li kwalunkwe pagamenti isiru direttament lill-*Malta Tourism Authority.*

**Joseph Mallia** li kien ġie nominat minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022)[25] sabiex jieħu l-impronti diġitali u palmari tal-imputat bil-għan li jsir eżami komparattiv mal-impronti elevati u dokumentati fir-rapport ta' PS 169 Jurgen Schembri, xehed u preżenta r-relazzjoni tiegħu li ġiet immarkata bħala 'Dok JM1'[26]. Minn eżami tal-istess relazzjoni jirriżulta li l-impronti żviluppati minn PS 169 kienu neqsin mill-punti karatteristiċi li jwasslu għall-komparazzjoni u identifikazzjoni u għalhekk ma setgħux isiru l-eżamijiet komparattivi rikjesti.

### L-istqarrija tal-imputat

L-imputat Sandro Dimech għażel li ma jixhidx f'dan il-proċeduri iżda kien irrilaxxja stqarrija *a tempo vergine* tal-investigazzjoni[27]. L-imputat jistqarr li huwa jgħix ma ommu Raħal Ġdid u jgħid li l-laqam tiegħu huwa *Lupen*. Igħid li jaħdem *part time* fil-bar u li ġieli jagħmel xi xogħol ta' *maintenance*. Jispjega li nhar it-tnax (12) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020) huwa kien qed jorganizza *party* u kien marru l-Pulizija u staqsewh jekk kellux xi droga u hu kien indikalhom il-post fejn kellu d-droga. L-imputat igħid li l-*Paola Wolves* huwa proprjeta' tal-Kunsill Malti għall-Isports u ilu mikri lilu għal tlettax il-sena. Igħid li huwa qiegħed hemm bħala *barman* u iħallas il-kera tal-post lill-Kunsill Malti għall-Isports u iħallas il-permess lill-Pulizija. L-imputat jistqarr li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GBW 294 hija proprjeta' ta oħtu iżda jagħmel użu minnha hu.

Huwa jikkonferma li fil-*bar* instabu boroż b'sustanza suspettata droga kokaina. Igħid li s-sustanza kienet imqassma f'boroż differenti għaliex xtraha hekk. Mistoqsi għaliex dawn il-boroż ma jżommhomx id-dar jew fuq il-persuna tiegħu,

[24] A fol. 91 tal-atti proċesswali
[25] A fol. 81 tal-atti proċesswali
[26] A fol. 100 et seq tal-atti proċesswali
[27] Dok JG 1 a fol. 15 et seq tal atti proċesswali

igħid li hu ma jieħux droga ta' spiss, iżda kien ser ikollu lejl iebes u żammhom fil-*bar*. Huwa jiċħad li kien żammhom hemmhekk sabiex jekk jiġi xi ħadd jitolbu d-droga jagħtih. Igħid li l-*mobile phone* li instab huwa tiegħu u li għandu *pin lock* forma ta' l-ittra L. Mistoqsi jekk hux ser isibu messaġġi relatati mad-droga fl-istess *mobile phone*, huwa igħid li le.

L-imputat igħid ukoll li ilu jabbuża mid-droga kokaina għal madwar ħmistax-il sena u igħid li jieħu darba kull tlett ġimghat u jieħu żewġ grammi (2g). Igħid li ma jafx eżatt kemm jiżen kull pakkett, iżda jgħid li jaħseb li kull pakkett kellu piż ta' madwar nofs gramma (0.5 g). Igħid li d-droga ma kienx ippakjaha hu u li kien jeħodha billi jisniffjaha. Huwa jgħid ukoll li l-aħħar li kien ħa d-droga kokaina kien proprju ftit qabel ma waslu l-Pulizija fuq il-post. Mistoqsi kemm jaqla' flus mill-bejgħ tad-drogi huwa jgħid li ma jbiegħx drogi. Igħid li jmantni lilu nnifsu mill-*bar.* Mistoqsi minn fejn jixtri d-droga, huwa igħid *"Jien noħroġ bil-kelb u hemm persuna nistaqsi lilu."*, iżda igħid li din il-persuna ma jafx x'isimha. Mistoqsi jekk għandux bżonn għajnuna għal vizzju ta' teħid ta' droga jgħid li ma jafx. Huwa jiċħad li hu qatt ta xi droga lil ħaddieħor. Mistoqsi dwar it-*taser gun* li nstab għandu jgħid li dak kien għandu għal *self-protection* għaliex darba kien qala' xebgħa.

**Ikkunsidrat**

Illi kif jirriżulta mit-trattazzjoni finali tagħha, id-difiża ma hijiex qegħda tikkontesta l-pussess 'sempliċi' tad-droga kokaina, minkejja li ma ġietx reġistrata ammissjoni formali għal dik l-imputazzjoni, iżda qegħda tikkontesta l-imputazzjoni ta' pussess 'aggravat' tad-droga kokaina u dan għaliex id-difiża tikkontendi li l-provi miġjuba mill-prosekuzzjoni ma iwaslux għal tali reat.

Illi jirriżulta ċar illi fit-tnax (12) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), meta il-Pulizija marret fil-bar ġestit mill-imputat *Paola Wolves,* sabiex teżegwixxi Mandat ta' Arrest u Tfittxija, kien proprju l-imputat li għadda lill-Pulizija kaxxa ta' kulur iswed li kien fiha erba' (4) *sachets* li rriżulta li kien fihom wieħed punt sitta u sebgħin gramma (1.76g) kokaina. Għaldaqstant, m'hemmx dubju li fil-jum in kwistjoni, l-imputat kien fil-pussess tad-droga kokaina. Dak li jeħtieġ li jiġi deċiż minn din il-Qorti, għalhekk, huwa jekk tali pussess kienx wieħed aggravat u dan fis-sens illi d-droga misjuba ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tal-istess imputat.

Jingħad illi sabiex persuna tinsab ħajta ta' pussess aggravat, il-prosekuzzjoni ma hijiex tenuta tipprova li l-imputat kellu l-intenzjoni jispaċċa d-droga. Illi kif ġie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lawrence Fabri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017):

> *'Issa qabel xejn jinghad illi l-ligi taghna mkien ma tispecifika illi l-pussess irid ikun wiehed bl-intenzjoni ta' spacc. Il-ligi titkellem dwar il-pussess li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati u ghalhekk l-argument ta' dritt li iressaq il quddiem l-appellanti huwa bir-rispett ibbazat fuq premessi legali zbaljati. Illi l-appellanti jaghmel referenza ghal-legislazzjoni ingliza u cioe il-Misuse of Drugs Act 1971 billi hemmhekk il-ligi titkellem car u tond fuq "possession with intent to supply", bil-Prosekuzzjoni allura trid necessarjament tipprova tali intenzjoni u cioe' li ser isir xi forma ta' traffikar, haga li mhijiex indikata fil-ligi taghna li titkellem biss dwar il-pussess ta' droga li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati, u mhux il-pussess bl-intenzjoni ta l-ispacc. Illi ghalhekk ghalkemm kif inghad, hemm din id-distinzjoni fina bejn il-legislazzjoni taghna u dik Brittanika, l-prova hija l-istess dwar l-inferenza li tista' issir mill-gudikant. Madanakollu jerga' jigi ribadit illi l-prova fil-ligi ingliza hija wahda iktar iebsa fuq il-Prosekuzzjoni li trid necessarjament tipprova l-intenzjoni ta l-ispacc kuntrarjament ghal-ligi taghna fejn l-intenzjoni trid tkun tali li tindika li din ma kenitx ghall-uzu esklussiv tal-hati."*

Kif ingħad ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Mallia**, deċiża fit-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u disgħa u disgħin (1999), mill-Qorti tal-Appell Kriminali:

> *"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap.101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-*

*grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu ekslussiv tal-hati."*

Kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Marius Magri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa (2005), kawżi li jikkonċernaw imputazzjonijiet ta' pussess aggravat:

> *"... ... mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista' skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed*[28] *(Ara App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio**" (26.8.1998)."*

Illi pero kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana** deċiża fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002),

> *"Kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli".*

Fil-każ in eżami, kif ingħad, il-Prosekuzzjoni ressqet il-prova fil-grad rikjest mill-liġi, kemm tal-ammont tad-droga misjuba, kif ukoll tal-pussess tal-istess droga, liema pussess mhux qiegħed jiġi kontestat mill-imputat. Kif ingħad,

[28] Enfasi ta' din il-Qorti

jirriżulta li fil-pussess tiegħu l-imputat kellu erba' (4) boroż bid-droga kokajina ġewwa l-*Paola Wolves* Bar fejn huwa kien jaħdem bħala *barman* u l-piż tat-trab fl-istess boroż kien ta' kważi żewġ grammi ossia wieħed punt sitta u sebgħin gramma (1.76g) kokajina. Fl-istqarrija tiegħu, l-imputat jinnega li huwa kien ħa d-droga miegħu fil-*bar* sabiex ibiegħa jew li d-droga misjuba fil-pussess tiegħu kienet intiża għall-ispaċċ, iżda igħid li din kienet għall-użu personali tiegħu. Madanakollu meta l-imputat ġie mistoqsi kemm kien jieħu droga, huwa igħid li *"Jiena ma nieħux ta spiss"* u igħid li jieħu *"Qisu darba kull 3 ġimgħat u nieħu żewġ grammem."* Mela allura huwa ċar li l-imputat ma kienx juża d-droga kuljum.

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat jistqarr li fil-jum in kwistjoni kien qiegħed jorganizza party ġewwa l-istess *Bar* u igħid li d-droga kien żammha fil-*Bar* għax *"kien ser ikolli lejl iebes u żammejthom hemm."* Igħid li ftit qabel ma qabduh il-Pulizija, huwa kien ħa l-kokaina. Jistqarr ukoll li d-droga ma kienx ippakjaha hu iżda kienet ippakjata f'erba' boroż differenti għax kien xtraha hekk. Ikkunsidrat dak mistqarr mill-imputat fl-istqarrija tiegħu, il-Qorti tqis li ma huwiex verosimili li persuna li tgħid li tieħu d-droga darba qisu kull tliet ġimgħat, tieħu magħha kważi żewġ grammi droga fuq il-post tax-xogħol tagħha, imqassma f'erba' boroż, sabiex tikkonsmahom matul l-istess lejl ! Li kieku l-imputat verament ried jikkonsma d-droga hu personalment, seta' faċilment għamel dan ġewwa d-dar tiegħu stess, li wara kollox jirriżulta li kienet biss ftit passi 'l bogħod mill-*Bar* li fih kien l-imputat.

Il-Qorti tikkunsidra ukoll mhux biss l-ammont tad-droga li nstabet fil-pussess tal-imputat, iżda li din id-droga kienet maqsuma f'erba' (4) pakketti, u kif ingħad, illi l-imputat instab fil-pussess ta' din id-droga fil-*Bar* li huwa jaħdem fih bħala *barman.* Dan f'kuntest fejn din id-droga kienet qegħda tinżamm wara l-bank, f'post fejn għaldaqstant kien faċli li jgħaddiha lil terzi u dan propju f'lejl fejn kien qiegħed jiġi organizzat *party* ġewwa l-istess *Bar.* Il-Qorti tqis ukoll illi l-kokaina misjuba fil-pussess tal-imputat kellha purita' medja ta' tnejn u erbgħin fil-mija (42%), li hija purita' pjuttost għolja mill-livell ta' purita' li normalment wieħed isib fit-triq.

Din il-Qorti tqis għalhekk l-ispjegazzjoni mogħtija mill-imputat bħala tentattiv fjakk sabiex jiġġustifika l-fatt li ġewwa l-*Bar,* filwaqt li kien għaddej *party* organizzat minnu stess, huwa kellu fil-pussess tiegħu erba' boroż bid-droga lesti

wara l-bank, b'ammont komplessiv ta' kważi żewġ grammi, ammont li fil-fehma tal-Qorti, fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, ma kienx intiż għalih jew għall-użu esklussiv tiegħu, iżda għall-ispaċċ lil terzi.

Meqjusa dawn il-fatturi kollha flimkien, il-Qorti tqis illi ġie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li d-droga misjuba fil-pussess tal-imputat ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tiegħu. Għaldaqstant il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni kif miġjuba kontra l-imputat, tirriżulta sodisfaċentement ippruvata fil-grad rikjest mill-liġi.

Illi permezz tat-tieni (2) imputazzjoni, l-imputat jinsab akkużat li wettaq ir-reat ta' pussess aggravat ta' droga fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ. Illi ġjaladarba l-atti kommessi mill-imputat u li tagħhom qiegħed jinstab ħati, seħħew ġewwa *bar* li fih saħansitra fil-jum in kwistjoni l-imputat kien qiegħed jorganizza *party*, m'hemmx dubju li dan l-aggravju jirriżulta sodisfaċentement ippruvat.

F'dan il-kuntest, jirriżulta wkoll ir-reat ta' pussess 'sempliċi' tad-droga kokaina u għaldaqstant it-tielet imputazzjoni ukoll ġiet sodisfaċentement ippruvata, iżda din ser tiġi meqjusa bħala assorbita fl-ewwel (1) imputazzjoni.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-piena**

Illi fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom il-fedina penali[29] tal-imputat, in-natura u s-serjeta' tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u ċ-ċirkostanzi tal-każ. Qieset ukoll l-ammont ta' droga li nstabet fil-pussess tal-imputat, kif ukoll il-purita' tagħha skond kif tirriżulta mir-relazzjoni tal-espert Gilbert Mercieca.

Illi l-Qorti qegħda tieħu ukoll in konsiderazzjoni li ai termini tat-tieni proviso tal-Artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, il-piena tiżdied bi grad f'każ ta' persuna li tinsab ħatja kif provdut fil-paragrafu (a)(i) jew fil-paragrafu (b)(i) u r-reat ikun sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ.

[29] A fol. 4 tal-atti proċesswali

Il-Qorti kkunsidrat ukoll li għal fini ta' piena t-tielet (3) imputazzjoni hija kompriża u nvoluta fl-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat;

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, dina l-Qorti, wara li rat it-Taqsima IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u tieni proviso tal-Artikolu 22(2) tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament disgħa (9) tar-Regoli għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi, Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda issib lill-imputat **Sandro Dimech** ħati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentament qegħda tikkundannah għall-piena ta' disa' (9) xhur priġunerija effettiva, kif ukoll multa ta' elf u mitt ewro (€ 1100).

Illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali il-multa tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100). F'kaz li l-ħlas ikun ser isir b'rati mensili, il-multa hawn imposta għandha titħallas fi żmien tnax (12)-il xahar u l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mill-llum, b'dana li jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, l-ammont sħiħ jew kwalunkwe bilanċ rimanenti jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skond il-liġi.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-imputat iħallas lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali is-somma ta' elf sitt mija u wieħed u ħamsin ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€1651.98) rappreżentanti l-ispejjeż in konnessjoni mal-ħatra tal-esperti Keith Cutajar[30], Gilbert Mercieca[31], PS 637 Kevin Manicolo[32], PS 169 Jurgen Schembri[33] u Joseph Mallia[34], fl-istadju tal-inkjesta maġisterjali, kif ukoll f'dawn il-proċeduri, liema somma għandha titħallas fi żmien sitt (6) xhur.

---

[30] Mir-relazzjoni ta' Keith Cutajar immarkata bħala 'Dok KC1' u nserita a fol. 22 tal-atti proċesswali jirriżulta li l-ispejjeż jammontaw għal erba' mija u għoxrin ewro u tlettax-il ċenteżmu (€420.13).

[31] Mir-relazzjoni ta' Gilbert Mercieca mmarkata bħala 'Dok GM1' u nserita a fol. 55 tal-atti proċesswali jirriżulta li l-ispejjeż jammontaw għal ħames mija u wieħed u tletin ewro (€531).

[32] Mir-relazzjoni ta' PS 637 Kevin Manicolo mmarkata bħala 'Dok KM1' u nserita a fol. 71 tal-atti proċesswali jirriżulta li l-ispejjeż jammontaw għal tlieta u tmenin ewro u ħames ċenteżmi (€83.05).

[33] Mir-relazzjoni ta' PS 169 Jurgen Schembri mmarkata bħala 'Dok JS1' u nserita a fol. 85 tal-atti proċesswali jirriżulta li l-ispejjez jammontaw għal mija u wieħed u ħamsin ewro u disgħin ċenteżmu (€151.90).

[34] Mir-relazzjoni ta' Joseph Mallia mmarkata bħala 'Dok JM1' u nserita a fol. 100 tal-atti proċesswali jirriżulta li l-ispejjez jammontaw għal erba' mija u ħamsa u sittin ewro u disgħin ċenteżmu (€465.90).

Tordna d-distruzzjoni tad-droga eżebita fl-atti, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara